By means of a decree of the 5th February, 2024, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 85/2023AC, in the records of the proceedings in relation to the protection order of The Minors Variation of Care Plan I.S. the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mario Schembri in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a note in the records of Application Number 85/2023AC, in connection with a protection order of the Minors Variation of Care Plan I.S., filed in the Juvenile Court on 10th July, 2023, the applicant The Minors Care Review Board presented its recommendation according to Article 34 for the variation of the care plan and according to Article 32(e).

The Board also filed its report Doc A, its decision attached and markes as Doc. B, the variation of the care plan Doc. C and copy of the last care plan attached and marked as Doc. D.

The Board agrees with this variation in the care plan that is being proposed by the Directorate for Alternative Care. The Board is relying on the recommandations of the Directorate for Alternative Care because it believes that the professionals within this Directorate are persons who work directly with the minors and in their best interests.

By means of a decree of the 11th July 2023, and after the Court saw the note of the Board for Child Protection filed on the 10th July, 2023, regarding the minor and saw the documents marked as Doc. A till D all attached with the same note.

The Court saw Article 32(2)(e) and 34 of Cap. 602 considers that in the circumstances of the case and from the exhibited documents it is not prudent to hear the minor in terms of Article 17(1) of Cap. 602 and there is no néed to hear other views;

The Court is of the opinion that the variation as proposed is in the best interest of the minor … omissis … and orders that the variation of the care plan as proposed should come into effect.

Order notification of this decree … omissis … and Mario Schembri.

Applicant: 469, Bugeja Institute, Triq il-Kbira, Santa Venera

Notification: Mario Schembri, Flat 2, Park Lane, Trejqet is-Silla, Mosta

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 14 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 14th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1348

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' Mejju, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru7/2023CFS, li ġie ppreżentat fis-6 ta' Jannar 2023, fl-ismijiet: Spiteri Joseph et vs Galea Eugenia, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 495A et sequitur tal-Kap. 16.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Joseph Spiteri (KI 0331053M),
Philip Spiteri (KI 0412355M),
Rita Gafà (KI 0522666M),
Anthony Spiteri (KI 489257M)
George Spiteri (KI 0422056M), f'ismu propju u għan-nom ta' ħutu assenti:
Emanuel Spiteri residenti l-Awstralja (liċenzja tas-sewqan numru 042689438)
Catherine Aquilina residenti l-Awstralja (passaport Malti numru 1137610)

vs

Eugenia Galea (KI 0145759M)
Rikors tal-atturi Joseph Spiteri et ai termini tal-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

Jesponu bir-rispett, jiddikjaraw u jikkonfermaw is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti flimkien mall-intimata huma kompropriejtàrji ta':

a. Dar bin-numru mija u sebgħa u erbgħin (147), fi Triq Santu Rokku, Birkirkara, bl-arja relattiva tagħha usque ad coelum, kif parzjalment sovraposta ghal propjetà ta' terzi, u

b. Terran bin-numru mija u tmienja u erbgħin (148) fi Triq Santu Rokku, Birkirkara, sottopost għal propjetà ta' terzi, però l-bitħa/ġnien retorposti jinkludu l-arja relattiva tagħha usque ad coelum,

liema djar huma t-tnejn liberi u franki bid-drittijiet u l-ġustijiet u l-pertinenzi tagħhom kollha u bil-pussess vakanti, hekk kif deskritti aħjar fl-iskrittura ossija l-konvenju tas-7 ta' Diċembru, 2022, u fil-pjanta annessa miegħu, annessi u mmarkati bhala Dokument A;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 13th May, 2024, in the records of the Sworn Application number 7/2023CFS, which was filed on the 6th January 2023, in the names: Spiteri Joseph et vs Galea Eugenia, the following publication was ordered, in terms of Article 495A et sequitur of Cap.16.

In yhe First Hall, Civil Court

Joseph Spiteri (ID 0331053M),
Philip Spiteri (ID 0412355M)
Rita Gafà (ID 0522666M),
Anthony Spiteri (ID 489257M)
George Spiteri (ID 0422056M) in his own name and on behalf of his absent siblings:
Emanuel Spiteri residing in Australia (driving licence number 042689438)
Catherine Aquilina resident in Australia (Maltese passport number 1137610)

vs

Eugenia Galea (ID 0145759M)

Application of the plaintiffs Joseph Spiteri et. in terms of Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta:

Respectfully submit, declare and confirm the following:

1. That the applicants together with the respondent are co-owners of:

a. House numbered one hundred and forty seven (147), in Triq Santu Rokku, Birkirkara, with its relative airspace usque ad coelum, as partially overlying third party property, and

b. Ground floor tenement numbered one hundred and forty eight (148) in Triq Santu Rokku, Birkirkara underlying third party property, however the restored yard/include its relative airspace usque ad coelum,

which houses are both free and unencumbered with all their rights and enjoyments and with vacant possession, as better described in the agreement or rather the preliminary agreement dated 7th December, 2022, and in the attached plan, attached and marked as Document A;

2. Illi l-kontendenti huma aħwa u għandhom ottava parti (1/8) indiviża kull wieħed mill-istess propjetà hawn fuq deskritta kif jirriżulta mill-prospett hawn anness u mmarkat bhala Dokument B;

3. Illi r-rikorrenti għandhom sebgħa minn tmien parti indiviżi mill-istess proprjetà jiġifieri aktar minn nofs mitlub mil-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi din il-proprjetà ilha tinżamm in komproprjetà għal aktar minn tliet snin, provenjenti lilhom mill-eredità tal-mejta ġenituri tagħhom Anthony u Concetta konjuġi Spiteri;

5. Illi r-rikorrenti ma jridux jibqgħu aktar komproprjetarji in komun mall-intimata li mhijiex qiegħda tikkopera biex esegwit il-konvenju tal-bejgħ tal-proprjetà fuq imsemmija;

6. Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li sabu l-bejgħ ta' din il-proprjetà b'konvenju tas-7 ta' Diċembru, 2022, Dokument A, li flimkien obbligaw li jbiegħu u jittrasferixxu l-propjetà fuq imsemmija ossija 147/148, Triq Santu Rokku, Birkirkara, bil-prezz kif indikat fil-konvenju li huwa prezz ġust u reali kkunsidrati ċ-ċirkustanzi tal-propjetà skont żewġ rapporti tal-Perit Stephen Pulis hawn annessi u mmarkati Dokumenti C u D;

7. Illi inoltre dan il-bejgħ huwa suġġett li r-rikorrenti jiksbu l-permess ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-esekuzzjoni tal-istess konvenju fit-totalità tal-proprjetà inkwistjoni kif maħsuba fl-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi r-rikorrenti qegħdin jannettu l-prospett, li juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom għandu, Dokument B;

9. Dan il-bejgħ mhuwiex ta' preġudizzju għall-intimata stante li l-prezz tal-bejgħ huwa dak ġust u reali skont is-suq. Għalhekk jeżistu l-elementi kollha mitluba mill-Artikolu 495A tal-Kap. 16 biex din il-Qorti tawtorizza l-bejgħ tal-proprjetà sħiħa tal-fondi 147/148, Triq Santu Rokku, Birkirkara.

Tgħid l-intimata prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex;

1. Tordna l-bejgħ tal-propjetà:

a) id-dar bin-numru mija u sebgħa u erbgħin (147), fi Triq Santu Rokku, Birkirkara, bl-arja relattiva tagħha usque ad coelum, kif parzjalment sovraposta għal proprjetà ta' terzi, u

2. That the parties are siblings and are still one eighth (1/8) undivided share each of the same property above described as results from the prospectus hereby attached and marked as Document B;

3. That the applicants have seven out of eight undivided shares of the same property that is more than half demanded by Article 495A of Cap.16 of the Laws of Malta;

4. That this property has been held in co-ownership for more than three years, resulting to them from the inheritance of their deceased parents Anthony and Concetta spouses Spiteri;

5. That the applicants do not want to remain co-owners in common with the respondent who is not cooperating to execute the preliminary agreement of sale of the property abovementioned;

6. That the applicants declare that they found the sale of this property by means of a preliminary agreement of the 7th December, 2022, Document A, which together obliged to sell and transfer the property above mentioned or rather 147/148, Triq Santu Rokku, Birkirkara, for the price as indicated in the preliminary agreement which is a fair and real price considered in the circumstances of the property 'according to two reports of Architect Stephen Pulis annexed and marked Documents C and D;

7. That furthermore this sale is subject that the applicants obtain the permission of this Honourable Court to order the execution of the same preliminary agreement in the totality of the property in question as envisaged in Article 495A of Cap. 16 of the Laws of Malta;

8. That the applicants are attaching the prospectus, which shows the number and value of the shares that each of them has, Document B;

9. This sale is not prejudicial to the respondent since the sale price is fair and real according to the market. Thus there exist all the elements required by Article 495A of Cap. 16 so that this Court authorises the sale of the whole property of the premises 147/148, Triq Santu Rokku, Birkirkara.

To state the respondent saving any necessary and opportune declaration and for the reasons premised why this Honourable Court should not;

1. Orders the sale of the property:

a) the house with number one hundred and forty seven (147), in Triq Santu Rokku, Birkirkara, with its relative airspace usque ad coelum, as partially overlying third party property, and

b) it-terran bin-numru mija u tmienja u erbgħin (148) fi Triq Santu Rokku, Birkirkara, sottopost ghal proprjetà ta' terzi, però l-bitħa/ġnien retorposti jinkludu l-arja relattiva tagħha usque ad coelum – kif deskritti aħjar fl-iskrittura ossija l-konvenju tas-7 ta' Diċembru, 2022, u fil-pjanta annessa, u taħt il-kundizzjonijiet u pattijiet hemmhekk miftiehma, u/jew taħt il-kundizzjonijiet li jogħġobha timponi din l-Onorabbli Qorti;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jippubblika kopja tar-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetta lokali ta' kuljum;

3. Tinnomina lin-Nutar Dott. James Grech, jew nutar ieħor sabiex jippubblika l-att ta' trasferiment opportun u kwalunkwe att ieħor neċessarju jew aċċessorju bħal dikjarazzjoni causa mortis tal-mejta Anthony u Concetta konjuġi Spiteri jew l-aventi kawża minnhom jekk ikun il-każ;

4. Tistabbilixxi jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-att notarili opportun;

5. Taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw eventwali kontumaċja fuq l-att tal-bejgħ u/jew fid-dikjarazzjoni causa mortis;

6. Tagħti dawk l-ordnijiet meqjusa neċessarji u opportuni skont iċ-ċirkustanzi.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzzjoni tal-intimata għas-subizzjoni.

L-Av. Edward DeBono, 198, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta
L-Av. Maria Camilleri, 98, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta
P.L. Katrina Zammit Cuomo

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-14 ta' Ottubru, 2024, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimata: Galea Eugenia, 384, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Mejju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

b) the ground floor tenement with number one hundred and forty eight (148) in Triq Santu Rokku, Birkirkara, underlying third party property, however the restored yard/garden includes its relative airspace usque ad coelum – as better described in the writing or rather the preliminary agreement of the 7th December, 2022, and in the attached plan, and under the conditions and terms therein agreed, and/or under the conditions that this Honourable Court deems fit to impose;

2. Order the Registrar of Courts to publish a copy of the application in the Government Gazette and a local daily newspaper;

3. Appoint Notary Dr James Grech, or another notary to publish the opportune deed of transfer and any other necessary or accessory act such as a declaration causa mortis of the deceased Anthony and Concetta spouses Spiteri or their successors in title if any;

4. Establish a day, time and place for the publication of the opportune notarial deed;

5. Appoint deputy curators to represent an eventual default on the deed of sale and/or in the declaration causa mortis;

6. Give such orders as may be deemed necessary and opportune according to the circumstances.

With the costs and injunction of the respondent who is summoned, so that a reference to her evidence be made.

Adv. Edward DeBono, 198, Triq l-Ifran, Valletta
Adv. Maria Camilleri, 198, Triq l-Ifran, Valletta
P.L. Katrina Zammit Cuomo

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 14th October, 2024, at 9.00 a.m.

Notify Respondent: Galea Eugenia, 384, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara

Registry of the Superior Courts, today 21st May, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1349

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Marzu, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Kingsway Palace Company Limited vs Janet Ann Cini, Rikors numru 80/2024CG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Janet Ann Cini a tenur tal-

By means of a decree of the 14th March, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Kingsway Palace Company Limited vs Janet Ann Cini, Application number 80/2024CG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service

Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Kingsway Palace Company Limited (C437) vs Janet Ann Cini (KI 285812L) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fid-19 ta' Frar, 2024, ir-rikorrenti Kingsway Palace Company Limited (C437) talbet lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jgħaddi sabiex jiddeċiedi u jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attrici bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża b'applikazzjoni tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimata Cini ma tistax tibqa' tistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (Kap. 69) sabiex tibqa' fl-okkupazzjoni tal-fond 21 u 1K, Kingsway Palace, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi r-rikorrenti mhijiex obbligata ġġedded il-kirja tal-fondi, mertu ta' din il-kawża lill-intimata u b'hekk l-esponenti hija intitolata tieħu lura l-pussess sħiħ u immedjat tal-istess fondi;

4. Konsegwentement jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimata ma tistax tibqa' in okkupazzjoni tal-fond mertu ta' din il-kawża, stante illi l-kirja ġiet terminata ex lege ġjaladarba ġiet reża nulla u bla effett minħabba li kienet saret ai termini tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (Kap. 69), liema lokazzjoni tivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Dan kif ġie deċiż fis-sentenza res judiciata deċiża fis-26 ta' Settembru, 2023, fil-kawża Rikors numru 792/2021AD fl-ismijiet Kingsway Palace Co. Ltd vs l-Avukat Ġenerali et, u kull ġurnata in okkupazzjoni qed tikkawża danni lill-istess rikorrenti;

5. Jikkundanna u jordna lill-intimata tiżgombra mill-fondi numru 21 u 1K Kingsway Palace, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom iffissat minn dan il-Bord u tagħti r-rikorrenti l-fakultà tbiddel is-serratura tal-fondi u tieħu lura l-pussess tagħhom u dan b'opra ta' perit/i nominandi.

Bl-ispejjeż dovuti mill-intimata

Rikorrenti: 55, 29/30 Kingsway Palace, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta

Notifika: Janet Ann Cini, Fl. 13, White Hall Mansions, Triq Luqa Briffa, Il-Gżira

Ir-rikors fl-ismijiet Kingsway Palace Company Limited vs Janet Ann Cini, Rikors numru 80/2024CG, jinsab differit għall-25 ta' Ġunju, 2024, fil-11.50 a.m.

on the respondent Janet Ann Cini in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Kingsway Palace Company Limited (C437) vs Janet Ann Cini (ID 285812L) filed before the Rent Regulation Board, on the 18th February, 2024, the applicant Kingsway Palace Company Limited (C437) requested this Honourable Board to:

1. Proceed to decide and uphold the demands of the plaintiff company without proceeding to trial in application of Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Declare and decide that the respondent Cini can no longer rely on the provisions of the of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance (Cap 69) in order to remain in occupation of the premises 21 and 1K, Kingsway Palace, Triq ir-Repubblika, Valletta;

3. Declare and decide that the applicant is not obliged to renew the lease of the premises, merit of this cause to the respondent and thus the applicant is entitled to take back the full and immediate possession of the same premises;

4. Consequently declare and decide that the respondent cannot remain in occupation of the premises merit of this cause, since the lease was terminated ex lege once it was rendered null and without effect because it was made in terms of the of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance (Cap. 69), which lease violates the fundamental rights of the applicants. This as decided in the judgement res judiciata decided on the 26th September, 2023, in the cause Application number 792/2021AD in the names Kingsway Palace Co. Ltd vs Attorney General et, and every day in occupation is causing damages to the same applicant;

5. Condemn and order the respondent to vacate the premises number 21 and 1K Kingsway Palace, Triq ir-Repubblika, Valletta, within a short and peremptory period fixed by this Board and give the applicant the faculty to change the lock of the premises and take back their possession and this by the appointment of an architect/s.

With costs due by the respondent

Applicant: 55, 29/30, Kingsway Palace, Triq ir-Repubblika, Valletta

Notification: Janet Ann Cini, Fl. 13, White Hall Mansions, Triq Luqa Briffa, Gżira

The application in the names Kingsway Palace Company Limited vs Janet Ann Cini, Application number 80/2024CG, has been postponed for hearing to the 25th June, 2024, at 11.50 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 17th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1350

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-12 ta' April, 2024, fuq talba ta' Natalina sive Nathalie Muscat et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-interessi tad-dominus directus jew għas-successuri fit-titolu fl-atti taċ-ċedola numru 747/2024 fl-ismijiet Natalina sive Nathalie Muscat et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens u depożitu ta' arretrati ta' ċens numru 747/2024 ta' Natalina magħrufa bħala Nathalie Muscat mara tad-dar, imwielda Raħal Ġdid, bint il-mejtin Joseph Micallef u Giovanna sive Yvonne Micallef née Baluci, imwielda fit-2 ta' Jannar, 1961 (KI 0121861M), residenti 304, Madonnina, Triq il-Linja, Ħ'Attard; Peter Micallef, irtirat, bin il-mejtin Joseph Micallef u Giovanna sive Yvonne Micallef née Baluci, mwieled Paola fil-5 ta' Lulju, 1955, u residenti numru 38, Sun Court, Flat 5, Triq l-Università, L-Imsida (KI 493555M); Christopher Caruana, senior associate, miżżewweġ, iben Joseph Charles Caruana u l-mejta Catherine Caruana née Micallef, imwieled Tal-Pietà fis-7 ta' Jannar, 1987, u residenti 115A, Markev, Flat 2, Triq Misraħ il-Barrieri, Santa Venera (KI 37287M); Michelle Xuereb, Learning Support Educator, miżżewġa, bint Joseph Charles Caruana u l-mejta Catherine Caruana née Micallef, imwielda Tal-Pietà fis-27 ta' Settembru, 1990, u residenti Mignon Court, Block B, Flat 7, Triq Notabile, Fleur-De-Lys, Birkirkara (KI 0466390M); Denise Caruana, Customer Relationship Advisor, xebba, bint Joseph Charles Caruana u l-mejta Catherine Caruana née Micallef, imwielda Tal-Pietà, fl-4 ta' Novembru, 1992, u residenti 49, Saint Mary's Court, Flat 6, Triq il-Ħelsien, Ħal Qormi (KI 0524692M); Joseph Charles Caruana, pensjonant, armel, iben il-mejjet John Caruana u Mary Caruana née Mailaq, imwieled Toronto, il-Kanada, fis-7 ta' Lulju, 1957, u residenti 107, Papillon, Triq Dun Mikiel Xerri, Ħ'Attard, (KI 0152788M); Nadya Micallef mara tad-dar, miżżewġa, bint Mario Galea u l-mejta Mary magħrufa bħala Miriam née Micallef, imwielda Ħ'Attard fl-20 ta' Frar, 1979, u residenti 21, Paradise, Trejqet il-Bużbież, Il-Mosta (KI 0099779M); Daniela Galea, xebba u impjegata, bint Mario Galea u l-mejta Mary magħrufa bħala Miriam née Micallef, imwielda Ħ'Attard fis-26 ta' Jannar, 1977, u residenti

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 12th April, 2024, following a request by Natalia sive Nathalie Muscat et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the interest of the bare owner or the successors in title in the records of the schedule of deposit number 747/2024 in the names Natalia sive Nathalie Muscat et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit, redemption of groundrent and arrears of groundrent number 747/2024 in the names of Natalina known as Nathalie Muscat house wife, born in Raħal Ġdid, daughter of the late Joseph Micallef and Giovanna sive Yvonne Micallef née Baluci, born on the 2nd January, 1961 (ID 0121861M), residing at 304, Madonnina, Triq il-Linja, Ħ'Attard; Peter Micallef, retired, son of the late Joseph Micallef and Giovanna sive Yvonne Micallef née Baluci, born in Paola on the 5th July, 1955, and residing at number 38, Sun Court, Flat 5, Triq l-Università, Msida (ID 493555M); Christopher Caruana, senior associate, married, son of Joseph Charles Caruana and the late Catherine Caruana née Micallef, born in Tal-Pietà on the 7th January, 1987, and residing at 115A, Markev, Flat 2, Triq Misraħ il-Barrieri, Santa Venera (ID 37287M); Michelle Xuereb, Learning Support Educator, married, daughter of Joseph Charles Caruana and the late Catherine Caruana née Micallef, born in Tal-Pietà on the 27th September, 1990, and residing at Mignon Court, Block B, Flat 7, Triq Notabile, Fleur-De-Lys, Birkirkara (ID 0466390M); Denise Caruana, Customer Relationship Advisor, unmarried, daughter of Joseph Charles Caruana and the late Catherine Caruana née Micallef, born in Tal-Pietà, on the 4th November, 1992, and residing at 49, Saint Mary's Court, Flat 6, Triq il-Ħelsien, Ħal Qormi (ID 0524692M); Joseph Charles Caruana, pensioner, widower, son of the late John Caruana and Mary Caruana née Mailaq, born in Toronto, Canada, on the 7th July, 1957, and residing at 107, Papillon, Triq Dun Mikiel Xerri, Ħ'Attard, (ID 0152788M); Nadya Micallef house wife, married, daughter of Mario Galea and the late Mary known as Miriam née Micallef, born in Ħ'Attard on the 20th February, 1979, and residing at 21, Paradise, Trejqet il-Bużbież, Mosta, (ID 0099779M); Daniela Galea, unmarried and employed, daughter of Mario Galea and the late Mary known as Miriam

12, Petit Fleur, Triq l-Andar, Ħ'Attard (KI 100977M); Leone Micallef, pensjonant, bin il-mejtin Joseph Micallef u Giovanna sive Yvonne Micallef née Baluci, imwieled Paola fit-13 ta' Settembru, 1953, u resident The Rose, Triq Ħal Luqa, Ħal Tarxien (KI 0678853M); Reuben Caruana, bankier, miżżewweġ, iben Pasqualino Caruana u l-mejta Elena sive Lilian née Micallef, imwieled Ħ'Attard fid-9 ta' Mejju, 1980, u residenti 151, Etoile, Triq Dun Mikiel Xerri, Ħ'Attard (KI 238680M); Kevin Caruana, piano teacher, miżżewweġ, iben Pasqualino Caruana u l-mejta Elena sive Lilian née Micallef, imwieled Ħ'Attard fid-29 ta' Novembru, 1978, u residenti Serenity, Triq Gafà, Il-Mosta (KI 568378M); u Ruth Vella Caruana impjegata, miżżewġa, bint Pasqualino Caruana u l-mejta Elena sive Lilian née Micallef imwielda Tal-Pietà fit-12 ta' Ġunju, 1983, u residenti 114, Triq is-Sienja, Ħ'Attard (KI 308383M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lid-dominus directus jew għas-suċċessuri fit-titolu jew aventi kawża tiegħu għaċ-ċens tal-mezzanin numru 88, Triq Sammat, Raħal Ġdid, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-4 ta' April, 2024, fejn Natalina sive Nathalie Muscat (KI 121861M), Peter Micallef (KI 493555M), Christopher Caruana (KI 37287M), Michelle Xuereb (KI 0466390M), Denise Caruana (KI 0524692M), Joseph Charles Caruana (KI 0152788M), Nadya Micallef (KI 99779M), Daniela Galea (KI 100977M), Leone Micallef (KI 678853M), Reuben Caruana (KI 238680M), Kevin Caruana (KI 568378M) u Ruth Vella Caruana (KI 308383M) esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti huma s-sidien tal-mezzanin numru 88, Triq Sammat, Raħal Ġdid (il-Mezzanin);

Illi l-Mezzanin huwa suġġett għar-rata tiegħu ta' ċens annwu u perpetwu ta' €4.05 ġja Lm1.74,2 u dan kif jirriżulta mill-kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Antoine Agius datat 13 ta' Lulju, 1987, hawn anness u mmarkat bħala Dokument A;

Illi l-fond hu muri bl-aħmar fuq il-pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet datat 13 ta' Novembru, 2015, annessa u mmarakata bħala Dokument B;

Illi l-esponenti ma jafux min hu d-directus dominus taċ-ċens impost fuq il-Fond;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà lilhom mogħtija mill-provvedimenti relattivi fil-liġi Maltija u senjatament l-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta u filwaqt li jagħmlu referenza għall-kuntratt fuq sopraċitat, iridu li jifdu dan iċ-ċens annwu u perpetwu ta' €4.05 ġja Lm1.74,2 fir-rigward tal-mezzanin numru 88, Triq Sammat, Raħal Ġdid;

Illi ċ-ċens ta' €4.05 kapitalizzat bir-rata ta' 5% skont il-provvediment fuq imsemmija, jammonta għas-somma

née Micallef, born in Ħ'Attard on the 26th January, 1977, and residing at 12, Petit Fleur, Triq l-Andar, Ħ'Attard (ID 100977M); Leone Micallef, pensioner, son of the late Joseph Micallef and Giovanna sive Yvonne Micallef née Baluci, born in Paola on the 13th September 1953 and residing at The Rose, Triq Ħal Luqa, Ħal Tarxien (ID 0678853M); Reuben Caruana, banker, married, son of Pasqualino Caruana and the late Elena sive Lilian née Micallef, born in Ħ'Attard on the 9th May, 1980, and residing at 151, Etoile, Triq Dun Mikiel Xerri, Ħ'Attard (ID 238680M); Kevin Caruana, piano teacher, married, son of Pasqualino Caruana and the late Elena sive Lilian née Micallef, born in Ħ'Attard on the 29th November, 1978, and residing at Serenity, Triq Gafà, Mosta (ID 568378M); and Ruth Vella Caruana employed, married, daughter of Pasqualino Caruana and the late Elena sive Lilian née Micallef born in Tal-Pietà on the 12th June, 1983, and residing at 114, Triq is-Sienja, Ħ'Attard (ID 308383M) vs Deputy Curators to represent the dominus directus or the successors in title of the groundrent of the mezzanine number 88, Triq Samat, Raħal Ġdid, filed in the First Hall of the Civil Court on the 4th April, 2024, the applicants Natalina sive Nathalie Muscat (ID 121861M), Peter Micallef (ID 493555M), Christopher Caruana (ID 37287M), Michelle Xuereb (ID 0466390M), Denise Caruana (ID 0524692M), Joseph Charles Caruana (ID 0152788M), Nadya Micallef (ID 99779M), Daniela Galea (ID 100977M), Leone Micallef (ID 678853M), Reuben Caruana (ID 238680M), Kevin Caruana (ID 568378M) and Ruth Vella Caruana (ID 308383M) respectfully submitted:

That the applicants are the owners of the mezzanine number 88, Triq Sammat, Raħal Ġdid (the mezzanine);

That the mezzanine is subject to its annual and perpetual groundrent of €4.05 previously Lm1.74,2 and this as results from the deed of partition in the records of Notary Antoine Agius dated 13th July, 1987, here attached and marked as Document A;

That the premises are shown in red on the plan of the Land Registry dated 13th November, 2015, attached and marked as document B;

That the applicants do not know who is the bare owner who is entitled to receive the groundrent imposed on the premises;

That the applicants wish to avail themselves of the option given to them by the relative provisions in Maltese law and especially Article 1501 of the Civil Code of Malta and whilst making reference to the contract above mentioned, they want to redeem this annual and perpetual groundrent of €4.05 previously Lm1.74,2 as regards the mezzanine number 88, Triq Sammat, Raħal Ġdid;

That the groundrent of €4.05 capitalised at the rate of 5% according to the provision above mentioned, amounts to the

ta' €81 għall-fidi taċ-ċens annwu u perpetwu tal-preċitat mezzanin;

Illi oltre dan, l-esponenti qegħdin jiddepożitaw is-somma ta' €20.25 rappreżentanti ħames (5) snin arretrati ta' ċens;

Għaldaqstant, l-esponenti in vista ta' 'l fuq premess u sabiex jeżimu rwieħhom minn kull responsabbiltà, qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u jiddepożitaw taħt l-awtorità tal-istess, is-somma ta' €101.25 rappreżentanti kwantu għall-ammont ta' €81 għall-fidi taċ-ċens annwu u pereptwu gravanti l-mezzanin numru 88, Triq Sammat, Raħal Ġdid, u kwantu għall-ammont ta' €20.25 rappreżentanti ħames (5) snin arretrati ta' ċens fir-rigward tal-istess mezzanin, u dan sabiex dan l-ammont jiġi liberament żbankat minn min jipprova li għandu dritt għall-istess wara li jħalli d-debita riċevuta skont il-liġi.

Depożitanti Nathalie Muscat et, 304, Madonnina, Triq il-Linja, Ħ'Attard

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta
Reġistru tal-Artijiet, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Francesco Depasquale, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 12 ta' April, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

sum of €81 for the redemption of the annual and perpetual groundrent of the aforementioned mezzanine;

Furthermore, the applicants are depositing the sum of €20.25 representing five (5) years groundrent arrears;

Thus, the applicants in view of the above premised and in order to exempt themselves from all responsibility, are calling upon this Honourable Court and depositing under the authority of the same, the sum of €101.25 representing as for the amount of €81 for the redemption of the annual and perpetual groundrent burdening the maisonette number 88 Triq Sammat, Raħal Ġdid, and as for the amount of €20.25 representing five (5) years groundrent arrears as regards the same maisonette, and this so that this amount be freely withdrawn by those who prove that they have the right to the same after leaving the due receipt according to law.

Depositors: Nathalie Muscat et, 304, Madonnina, Triq il-Linja, Ħ'Attard

Notification: Director Public Registry, Triq il-Merkanti, Valletta.
Lands Registry, Triq il-Punent, Valletta
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Francesco Depasquale LLD, Doctor of Laws.

Today 12th April, 2024

Registry of the Superior Courts, today 14th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1351

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-24 ta' Mejju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1279/2024, fl-ismijiet Joseph Cutajar vs il-Perit Rene Cutajar et, ordnat

By means of a decree of the 24th May, 2024, in the records of the judicial letter number 1279/2024 in the names Joseph Cutajar et vs Architect Rene Cutajar et, the First Hall

is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lil Perit Rene Cutajar u Dott. Brenda Lee Cutajar a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 18 ta' Marzu, 2024

Lill-Perit Rene Cutajar (KI 209886M) ta' 35, Massabielle, Sqaq il-Qajjied, Is-Siġġiewi

Dott. Brenda Lee Cutajar (KI 22388M) ta' 35, Massabielle Sqaq il-Qajjied, Is-Siġġiewi

Permezz tal-preżenti Joseph Cutajar (KI 549344M) u martu Beneditta sive Betty Cutajar (KI 1049548M) ta' 136, St Paul, Triq Santa Rita, Ir-Rabat, Malta, filwaqt li jirreferukom għall-akkwist tagħkom tal-fond uffiċjalment markat bin-numru 138 u 140 fi Triq Santa Rita, Ir-Rabat, Malta, sottostanti d-dar residenzjali tal-mittenti, u liema akkwist sar bl-att tan-Nutar Dott. Tiziana Maria Refalo tal-25 ta' Novembru, 2020, u għall-izvilupp riċenti li għamiltu fih, inkluż bit-tisqif tal-bitħa interna li fuqha jiftħu t-twieqi tal-fond tal-mittenti, javżawkom għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi li l-fond tal-mittenti 136, St Paul, Triq Santa Rita, Ir-Rabat, Malta, igawdi servitujiet konvenzjonali ta' twieqi li jħarsu għal fuq il-bitħa interna tal-fond sottostanti proprjetà tagħkom 138 u 140, Triq Santa Rita, Ir-Rabat, Malta, liema servitujiet inħolqu bid-destinazzjoni tas-sid taż-żewġ fondi.

Intom għaldaqstant interpellati sabiex tirripristinaw din il-bitħa interna għall-istat oriġinali tagħha, kif kienet bħala fond servjenti għall-fond dominanti tal-mittenti fir-rigward tas-servitujiet ta' twieqi imsemmija, u ċjoè mhux imsaqqfa u mingħajr ebda apparat li joħloq storbju jew vibrazzjonijiet u dan in ottemporanza mal-obbligi legali tagħkom fosthom skont l-art 474 tal-Kodiċi Ċivili, li ma tagħmlu xejn li bih tnaqqsu mit-tgawdija ta' dawn is-servitujiet, jew li b'xi mod tirrendu t-tgawdija tagħhom aktar gravuża.

Bil-preżenti, il-mittenti jfakkrukom ukoll li kull stallazzjoni li għamiltu fuq il-bejt u l-arja tal-fond tagħhom 136, St Paul, Triq Santa Rita, Ir-Rabat, Malta, tikkostitwixxi aġir fakoltattiv, bit-tolleranza tal-mittenti, u għalhekk mingħajr ebda jedd jew pussess favur tagħkom, u bl-obbligu li tneħħuhom immedjatament bi spejjeż tagħkom hekk kif il-mittenti jsejħulkom biex tagħmlu dan.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħhom u bi twissija ċara li l-mittenti se jirregistraw dan l-att ġudizzjarju skont il-liġi fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta għall-għarfien sħiħ tagħkom u tat-terzi u b'salvagwardja sħiħa tal-jeddijiet tagħhom.

of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents Architect Rene Cutajar and Doctor Brenda Lee Cutajar in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 18th March, 2024

To Architect Rene Cutajar (ID 209886M) of 35, Massabielle, Sqaq il-Qajjied, Siġġiewi

Dr Brenda Lee Cutajar (ID 22388M) of 35, Massabielle Sqaq il-Qajjied, Siġġiewi

By means of this present Joseph Cutajar (ID 549344M) and his wife Beneditta sive Betty Cutajar (ID 1049548M) of 136, St Paul, Triq Santa Rita, Rabat, Malta, whilst referring you to your acquisition of the premises officially marked 138 and 140 in Triq Santa Rita, Rabat, Malta, underlying the residential home of the interpellants, and which acquisition was made by deed of Notary Doctor Tiziana Maria Refalo of the 25th November, 2020, and to the recent development in it, including the roofing of the internal yard on which the windows of the premises of the interpellant open, warns you for all intents and purposes of law that the premises of the interpellants 136, St Paul, Triq Santa Rita, Rabat, Malta, enjoys conventional servitudes for windows overlooking the internal yard of the underlying premises owned by you 138 and 140, Triq Santa Rita, Rabat, Malta, which servitudes were created as a result of the destination of the owner of both premises.

You are thus solicited to restore this internal yard to its original state, as it was as a premises serviced to the dominant premises of the interpellants in respect of the servitudes of the windows mentioned, and namely not roofed and without any noise or vibration generating equipment and this in accordance with your legal obligations amongst which according to Art 474 of the Civil Code, to do nothing to diminish the enjoyment of these servitudes, or to render their enjoyment more burdensome in any way.

At present, the interpellants also remind you that any installation you made on the roof and airspace of their premises 136, St Paul, Triq Santa Rita, Rabat, Malta, constitutes an optional act, with the tolerance of the interpellants, and thus without any right or possession in your favour, and with the obligation to remove them immediately at your own expense as soon as the interpellants call upon you to do so.

So much so that you may know how to regulate yourselves and with a clear warning that the interpellants shall register this judicial act according to law in the Public Registry of Malta for the full knowledge of you and third parties and with full safeguard of their rights.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

With costs

Registry of the Superior Courts today 14th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1352

Permezz ta' digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar, 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' kontromandat numru 1582/2019 fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppreżentat fil-15 ta' Novembru, 2019, wara l-Mandat ta' Sekwestru numru 1957/2018 maħruġ fit-3 ta' Diċembru, 2018, fl-ismijiet Unique Travel Limited vs Grace Farrugia (KI 224857M) fejn Grace Farrugia talbet:

Illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' opportun kontromandat għar-raġuni infraskritta.

Ir-raguni: stante ċedola ta' depożitu 2415/18 bl-ammont kollu pretiż

Kontromandat

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi wara l-esekuzzjoni tal-mandat li għalih jirreferi r-rikors ta' hawn fuq, hemm raġunijiet skont il-liġi għala l-istess mandat m'għandux jibqa' jseħħ.

Mogħti mill-Qorti Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Anna Felice, Duttur tal-Liġi tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Imħallef: L-Onor. Anna Felice, LLD

Fl-atti tal-Kontromandat ta' Sekwestru numru 1582/2019:

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,
Tordna n-notifika b'ħamest ijiem għat-tweġiba.

Illum 15 ta' Novembru, 2019

By a decree of the First Hall of the Civil Court of the 22nd February, 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a counter warrant number 1582/2019 filed in the First Hall of the Civil Court on the 15th November, 2019, after the Garnishee Warrant number 1957/2018 issued on the 3rd December, 2018, in the names Unique Travel Limited vs Grace Farrugia (ID 224857M) wherein Grace Farrugia pleaded:

That this Honorable Court orders the issue of the opportune counter-warrant on the grounds herein mentioned.

Reason: as per schedule of deposit number 2415/2018 in the amount claimed

Counterwarrant

To the Marshal of the Courts

Whereas after the execution of the warrant referred to in the above application, there are grounds according to law for which the same warrant should not remain in force.

Given by the First Hall of the Civil Court and witnessed by Honourable Madam Justice Anna Felice, Doctor of Laws of the said court.

In the First of Hall of Civil Court

Judge: Honourable Madam Justice Anna Felice, LLD

In the acts of the counter warrant of the Granishee Warrant number 1582/2019:

The Court,

Saw the application,
Order the notification with five days to submit a reply.

Today 15th November, 2019

Notifika: Richard Anthony Tua, direttur ta' Unique Travel Limited ta' Palm Cottage, Triq il-Palma, limiti tal-Imġarr

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: Richard Anthony Tua, director of Unique Travel Limited of Palm Cottage, Triq il-Palma, limits of Mġarr

Registry of the Superior Court, today 17th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1353

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-24 ta' Mejju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1167/2024, fl-ismijiet Andres Felipe Rodriguez Camacho vs Beach Garden Hotel Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lil Beach Garden Hotel Ltd a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 11 ta' Marzu, 2024

Lil Beach Garden Hotel Ltd (C70015) ta' 18, Da Vinci Court, Triq il-Garni, Il-Mellieħa

Permezz tal-preżenti Andres Felipe Rodriguez Camacho (KI 323420A) ta' Flat 16, Depiro Point, Triq Mons. G. Depiro, Tas-Sliema, jinterpellakom sabiex fi żmien ġimgħa waħda mil-lum tersqu għall-ħlas tal-ammont komplessiv ta' €7,993.61 rappreżentanti bilanċ ta' paga, overtime, bonus u allowance oħra dovuti lilu skont il-kuntratt ta' impjieg li huwa kellu magħkom fl-2022 sakemm waqqaftuh mix-xogħol fl-aħħar ta' Lulju 2023.

B'mod parallel, il-mittenti diġà mexxa kontra tagħkom bi proċeduri tad-Dipartment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg.

Fin-nuqqas ta' ħlas sħiħ tal-ammont hawn fuq imsemmi fit-terminu mogħti lilkom, il-mittenti mhuwiex se jifdallu għażla oħra għajr li jmexxi ulterjorment kontra tagħkom inkluż bi proċeduri, mingħajr ħsara għal dawk kriminali.

Tant biex tagħrfu timxu u tevitaw proċeduri ġudizzjarji bla bżonn.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-ħlas effettiv.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 24th May, 2024, in the records of the judicial letter number 1167/2024 in the names Andres Felipe Rodriguez Camacho vs Beach Garden Hotel Ltd, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Beach Garden Hotel Ltd in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 11th March, 2024

To Beach Garden Hotel Ltd (C-70015) of 18, Da Vinci Court, Triq il-Garni, Mellieħa

By means of this present Andres Felipe Rodriguez Camacho (ID 323420A) of Flat 16, Depiro Point, Triq Mons. G. Depiro, Tas-Sliema, solicits you so that within one week from today you come forward for the payment of the total amount of €7,993.61 representing the balance of wages, overtime, bonus and other allowances due to him according to the contract of work that he had with you in 2022 until they stopped him working at the end of July 2023.

In parallel, the interpellant has already led against you procedures with the Department for Industrial and Employment Relations.

In default of payment in full of the amount above mentioned within the time given to you, the interpellant will have no choice but to proceed further against you including by civil proceedings, without prejudice to the criminal proceedings.

So much so you know how to regulate yourself and avoid useless judicial procedures.

With costs and legal interest till the date of effective payment.

Registry of the Superior Courts today 14th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1354

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

